**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum it-28 ta' Jannar 2022**

**Kaz. Nru; 181-82**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Loreto Camilleri**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Loreto Camilleri**, iben Joseph u Mary *nee'* Gatt, imwieled il-Pieta', nhar is-7 ta' Settembru, 1949, residenti fil-fond 148, 'Loreline', Triq Gharram, Zebbug, u detentur tal-karta tal-identita' 748149(M), senjatament akkuzat talli;

Nhar il-21 ta' April, 2018, ghall-habta ta' 08.37hrs, fl-inhawi taht is-Salib tal-Gholja, limiti tas-Siggiewi, u f'dawn il-gzejjer, waqt l-istagun miftuh ghall-kacca b'Deroga fir-Rebbiegha ghas-Summien, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu ghasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u *cioe'*, Gamiema (*Streptopelia Turtur*), mhux skond dawn ir-regolamenti u mhux skond il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahthom, u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006, hekk kif emendat (L.S. 549.92) tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni, jew htiega mposta minn jew taht dawn ir-regolamenti, u dan bi ksur ta' Reg. 27(1)(b) tal-A.L. 79 tal-2006, hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

B'hekk, irrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. A. J. Vella LL.D., fl-24 ta' Gunju, 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti kienet mitluba li barra li timponi l-multa applikabbli taht ir-Regolament 27(2) tal-A.L. 79 tal-2006, hekk kif emendat, tordna s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghal perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006, hekk kif emendat.

Rat u Semghet ix-xiehda;

Rat id-dokumenti ezebieti fl-atti processwali odjerni;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Fl-ewwel lok u b'mod preliminari dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tindirizza il-kwistjoni tal-istqarrijiet mehuda fit-22 ta' April 2018 u 28 ta' April 2018 u dana fid-dawl tat-talba tad-difiza permezz tal-verbal tal-udjenza tal-24 ta' Awwissu 2021 li jaqra:

> *"Id-difiza qed tiddikjara li qed tezenta l-Prosekuzzjoni milli ttella' x-xhieda dwar il-volontarjeta' tal-istqarrijiet u d-dikjarazzjoni mghotija lill-Pulizija f'dawn il-proceduri.*
>
> *Id-difiza madanakollu qed titlob l-isfilz tal-istqarrijiet maghmula fit-22 u 28 ta' April 2018 u dana in vista li t-twissija li inghatat ma kinitx tinkorporixxi fiha d-dritt li l-imputat jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju."*

Il-prosekuzzjoni oggezzjonat ghal din it-talba u ddikjarat:

> *"Il-Prosekuzzjoni qed toggezzjona u dana in vista li fl-istqarrijiet irrilaxxati jidher li l-imputat gie mghoti d-drittijiet kollha skond il-ligi u dana hekk kif ikkonfermat mill-imputat galadarba ghazel li jiffirma l-istqarrija."*

Mill-atti processwali odjerni jirrizulta li fir-rigward tal-istqarrijiet mehuda l-prosekuzzjoni ezebiet tlett dokumenti: dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali (Dok. CS); stqarrija mehuda fit-22 ta' April 2018 (Dok. CS2); u stqarrija mehuda fit-28 ta' April 2018.

Dok CS jaqra:

> *"Illum l-ufficjal investigattiv hawn taht iffirmat jiddikjara bil-miktub li Loreto Camilleri detentur tal-karta tal-identita numru 748149M gie mgharraf bid-dritt li jista jikkonsulta privatament mal-avukat jew prokuratur legali tal-fiducja tieghu wicc imb wicc jew bit-telefon **qabel** ma jigi interrogat rigward rapport ta' Birdlife ta' persuna li spara fuq gamiema fil-21 ta' April 2018 u hu ghazel li ma jixtieqx jigi assistit.*"(emfazi ta' dina l-Qorti).

Illi miz-zewgt stqarrijiet jirrizulta, li qabel kull stqarrija, l-imputat jidher li gie mwissi:

> *"... m'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista' jingieb bi prova, wara li gejt moghti d-dritt li stajt tikkonsulta jew tigi assistit mill-Avukat jew Prokuratur Legali tal-fiducja tieghek u int ghazilt li ma tridx tkun assistit."*

Madanakollu fl-ewwel ftit domandi, l-ufficjal investigattiv isaqsi:

> *"Naqblu li int gejt mghoti dritt tal-avukat **qabel** din l-interrogazzjoni u inti ghazilt li ma tezercitax dan id-dritt?" (emfazi tal-esponent).*

Illi fiz-zmien it-tehid tal-istqarrijiet fis-sena 2018 il-ligi kienet tistipula li persuna suspettata li ha tittiehdilha stqarrija ghandha jkollha dritt li tkun attivament assistita minn avukat jew prokuratur legali tal-ghazla taghha waqt it-tehid tal-istqarrija. Din tikkontrasta ma kif kienet is-sitwazzjoni qabel is-sena 2016 fejn l-imputat setgha jikkonsulta ma avukat jew prokuratur legali qabel it-tehid tal-istqarrija sa massimu ta' siegha izda ma setghax ikun assistit waqt l-interrogatorju.

Illi l-ispettur li ha z-zewgt stqarrijiet, l-Ispettur Colin Sheldon, ha l-pedana tax-xhieda u in kontroezami affaccja numru ta' domandi dwar liema dritt huwa ta lill-imputat qabel ma proceda bl-istqarrija. Affaccja ukoll diversi domandi in ri-ezami fuq l-istess materja. Madanakollu fuq mistoqsija diretta tal-Qorti huwa wiegeb b'mod segwenti:

> *"Qorti: Spettur wiegeb din id-domanda, id-dritt meta tajtulu x'kien jikkonsisti u dan minhabba l-emendi fil-ligi, ghal qabel biex ikellem avukat ghal siegha qabel l-interrogatorju jew inkella biex ikellem*

*avukat qabel l-interrogatorju u dak l-avukat jista' jkun prezenti waqt l-interrogazzjoni. Liema tip ta' dritt tajtu?*

*Xhud: Id-dritt li jinghata l-imputat dak il-hin jkun ghadu qieghed investigat ittihulu biex jista' jkellem avukat tal-pjacir tieghu jew jekk ma jkollox jinghata avukat tal-ghajnuna legali* ***ghal massimu ta' siegha qabel l-interrogazzjoni fejn hu dakinhar tat-22 ta' April kien irrifjuta li jkellem lill-avukat****". (Emfazi tal-esponent)*

Minn din ir-risposta u anke minn diversi risposti ohra jidher li l-imputat inghata dritt li jikkonsulta ma avukat sa massimu ta' siegha qabel l-interrogazzjoni biss u mhux id-dritt li l-imputat adirittura jkun jista' jkun assistit minn avukat tal-ghazla tieghu waqt l-interrogatorju. Dana minkejja li fis-sena 2018 l-ligi kienet tirrekjedi dan l-ahhar tip ta' dritt.

Ghaldaqstant, galadarba l-istqarrijiet ittiehdu b'nuqqas ta' konformita mal-ligi vigenti fi zmien li huma ttiehdu, dina l-Qorti qed tiddikjara l-imsemmija stqarrija bhala wahda inammissibli u minghajr l-ebda valur probatorju. Konsegwentament dina l-Qorti sejra tiskarta kompletament l-kontenut taz-zewgt stqarrijiet hawn fuq imsemmija.

Illi mill-provi l-ohra mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta car li l-kaccatur li jidher fuq il-filmat spara fuq tajra protetta galadarba dak iz-zmien l-istagun tal-kacca kien miftuh biss ghas-summien. It-tajra li tidher fil-filmat definittivament ma kinitx summiena u dana minhabba l-mod ta' kif l-istess tajra kienet qeghda t-tir.

Madanakollu, anke tenut kont l-inammissibilita tal-istqarrijiet, mill-provi tal-prosekuzzjoni ma jirrizultax li giet pruvata l-identifikazzjoni tal-imputat in konnessjoni mal-attivita' tal-kacca hawn fuq imsemmija. Il-persuni li osservaw lill-kaccatur jispara fuq it-tajr protett iddikjaraw bil-gurament li ma kienux f'posizzjoni li jaghrfu lill-imputat ghax dakinhar huma kien 'il boghod minnu. Di piu' l-filmat ezebiet mill-Birdlife ma huwiex car u l-persuna li tidher qed tispara definittivament ma tintgharafx. Huwa ukoll evidenti li r-ritratt inseriet f'dok. CS1 ma ttiehidx dakinhar jew dak il-hin tal-attivita illegali (fil-fatt il-hwejjeg li huwa libes il-persuna huma differenti). Ix-xhieda tal-prosekuzzjoni jaghmlu ukoll referenza ghall-vettura li normalment tkun ipparkjata fl-istess proprjeta fi granet ohra. Madanakollu ma tressqitx il-prova jekk dina l-vettura kinitx fuq il-post dakinhar u jekk fl-affermattiv min kien qed isuq l-istess vettura. Fin-nuqqas ta' dawn il-provi dina l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li kien propju il-qua imputat li kkaccja fuq tajr protett

waqt li l-istagun kien miftuh ghall-kacca tas-summien biss. Isegwi ukoll li per konsegwenza ma hemmx lok ta' htija fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva.

Decide

Ghaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament ir-regolamenti 4(1)(a) u 27(1)(b) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 kif ukoll tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, qed issib lil qua imputat, Loreto Camilleri, **mhux hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tilliberah mill-istess.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur